MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 163/1993/1

**Lawrence Caruana**

**vs**

**Karmenu Penza bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Penza Construction Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat l-att ta' citazzjoni kif korrett, ipprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc, illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi fit-18 ta' Dicembru 1990 waqt li l-attur, li dak iz-zmien kien impjegat mas-società konvenuta bhala bennej, kien

qed jahdem Ghajn Dwieli go flats ‘under construction’ waqa’ mit-tielet sular u wegga’ gravi skond kif iccertifika it-tabib John E. Casaletto MD (Dok A); illi s-società konvenuta kienet responsabbli ghal dan l-incident minhabba imperizia u traskuragni taghha; li ghalkemm l-esponent ipprova jkompli jahdem mas-società konvenuta dejjem baqa’ b’disabilità serja u fil-fatt fl-ahhar gie mkecci mix-xoghol; illi b’risultat ta’ dan l-incident l-attur sofra disabilità permanenti u danni ohra kif se jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u illi ghalkemm debitament mitluba biex tersaq ghal likwidazzjoni tad-danni s-società konvenuta baqghet inadempjenti [billi] cahdet ir-responsabilità taghha; talab ghaliex dik l-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara li l-incident li gara fit-18 ta’ Settembru 1990 li fih wegga’ gravi l-attur kien unikament tort tas-società konvenuta; 2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi; u (3) tikkundanna s-società konvenuta biex thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat; bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tal-4 ta’ Marzu 1992 u l-ufficjali tal-14 ta’ Dicembru 1992 u bl-imghax legali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi permezz taghha eccepixxa

1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b’imperizja u traskuragni tas-socjetà konvenuta, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2) Illi, subordinatament, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-impieg tal-attur mas-socjetà konvenuta ma giex itterminat minhabba l-allegata disabilità serja tal-istess attur, u jifforma l-meritu ta’ proceduri pprezentati quddiem it-Tribunal Industrijali mill-attur dwar allegata tkeccija ngusta;

3) Illi, subordinatament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-esponent nomine gjà hallas, bi ‘buona gratia’ tieghu u minghajr ma assuma

ebda responsabilità għall-incident 'de quo', kumpens lill-attur għall-perijodu illi fih huwa kien nieqes mix-xogħol mas-socjetà konvenuta minħabba l-incident in eżami;
4) Salv eccezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar, 1999 illi permezz tagħha l-Qorti ddecidiet hekk:
"… tiddikjara li l-incident gara tort tal-attur u tal-konvenut indaqs, tillikwida l-ammont dovut lill attur fl-ammont ta' Lm3,032, bl-imgħax u bl-ispejjez bin-nofs."

u dana wara illi għamlet is-segwenti konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:
"**FATTI**
"Fit-18 ta' Dicembru, 1990 l-attur kien impjegat mas-socjetà konvenuta u kien qed jaħdem go flats li s-socjetà konvenuta kienet qed tibni u gara l-incident li fih hu korra gravi. Dak in-nhar kienu ser jagħtu l-konkos u l-attur kien qiegħed fil-gallerija, fetaħ bajla konkos fil-gallerija u qabad il-pala biex iwittieh u l-gallerija waqgħet bih b'kollox. Intilef minn sensih u spicca l-isptar.
"**KONTESTAZZJONI**
"L-attur qed jissottometti li l-incident gara tort tas-socjetà konvenuta peress illi z-zewg impjegati tas-socjetà konvenuta tellgħu s-shutter u li dina cediet wara li ttellgħet l-ewwel bajla. Is-socjetà konvenuta ma kelliex foreman jew perit 'onsite' u lanqas ma pprovdiet apparat protettiv u mezzi ta' sigurtà fil-kaz li xi ħadd jaqa' Ma kien hemm ebda ripar (ez. guard rail) u lanqas ma kellhom xi forma ta' rbit biex ma jaqgħux għall-isfel.
"Imbagħad da parti tiegħu l-attur qed isostni li hu ma kien jaħti bl-ebda mod għal dak li gara. Ma wera ebda traskuragni, u ma kiser ebda regolament.
"Minn naħa l-oħra l-konvenut qed isostni li hu kien inkariga numru ta' ħaddiema sabiex taħt id-direzzjoni ta' l-attur bħala site head jarmaw is-saqaf tat-tielet sular tal-blokk ta' appartamenti. Caruana kien il-kap tal-ħaddiema u kien unikament responsabbli sabiex jagħti l-ordnijiet dwar kif u

min ghandu jaghmel ix-xogholijiet necessarji. L-armar tas-saqaf kien process twil u x-xogholijiet saru taht id-direzzjoni u r-responsabilità ta' l-attur.

"F'dan il-kaz kien hemm ukoll foreman u Perit tal-Gvern Stephen Bonello. Il-foreman tal-Gvern kien imur biex jiccekkja x-xibka u kemm se jitfghu konkos u jiccekkja l-ispecifications.

"Il-procedura taghhom kienet li min jarma x-shutter tal-konkos jaghti l-konkos biex zgur joqghod attent li jkollu x-xoghol armat sewwa. Hu kien jghid lill-haddiema li meta jaghtu l-konkos ma joqghodux fuq ix-shutter imma fuq ic-cint u lanqas taht il-bajla.

"**KONSIDERAZZJONIJIET**

"Hu dmir ta' kull employer li jiggarantixxi 'a safe system of work' fuq il-post tax-xoghol u dan l-obbligu huwa tal-employer u mhux tal-impjegat. Kif jghid Charlesworth 'On Negligence' p 1036 pagna 622:- 'The duty of employers to provide the servant with a safe place of work was explained by Goddard L. J. to be:

'*not merely to warn against unusual dangers known to them … but also to make the place of employment … as safe as the exercise of reasonable care would permit.*' '*The duty is owed to each individual servant individually*'.' (p 1035)

"Charlesworth ighid ukoll (ibid. para, 1032):-

'*In* _*Wilsons & Clyde Coal Ltd. vs English*_ *the general nature of the duty owed by a master to a servant was described by Lord Wright as follows:-*

'*I think the whole course of authority consistently recognizes a duty which rests on the employer and which is personal to the employer, to take reasonable care for the safety of his workmen, whether the employer be an individual, a firm, or a company, and whether or not the employee takes any share in the conduct of the operations*'.

"Fil-kaz in ezami l-imghallem kien il-konvenut. Hu kien jibghat il-haddiema tieghu fuq lant tax-xoghol u l-bennej ikun in charge mill-haddiema li jkollu mieghu. F'dan il-kaz l-attur kien responsabbili fuq il-lant tax-xoghol fejn kien qed jahdem. Dan ikkonfermah il-konvenut u anke l-bennej l-iehor Agius li dak in-nhar però kien fuq lant tax-xoghol f'post iehor.

"L-attur qed jikkontendi li ghall-armar tax-shutter kienu responsabbli Formosa u Farrugia, izda mix-xhieda prodotta jirrizulta li fil-fatt ix-xoghol fuq ix-shutter sar minn dawn it-tnejn u anke mill-attur li kien il-bennej fuq dak il-progett.
"Philip Formosa xehed li l-attur kien il-bennej li kien qed jiehu hsieb ix-shutter u l-gebel.
"Martin Farrugia xehed li huma armaw ix-shutter bejn tlieta: hu, Wenzu (l-attur) u Philip Formosa. Huma armawh mit-Tlieta sal-Gimgha. Is-Sibt imbaghad firxu x-xibka. L-incident gara t-Tnejn. Huma t-tlieta gieli ghamlu dan it-tip ta' xoghol u ghamlu diversi shutters flimkien.
"Anthony Agius xehed li l-attur stess kien arma x-shutter u li kellu haddiema mieghu.
"Il-konvenut ikkonferma li l-procedura taghhom kienet li min jarma x-shutter tal-konkos jaghti l-konkos biex zgur joqghod attent li jollu x-xoghol armat sewwa.
"L-attur qed jikkontendi wkoll li fuq il-lant ma kienx hemm foreman u perit izda mill-provi jirrizulta l-kuntrarju. Fil-fatt dawn kienu appartamenti tal-Gvern u kien hemm prezenti foreman u perit tal-Gvern. Kif xehed il-konvenut dawn kienu jkunu prezenti biex jaraw li l-konvenut qed jimxi skond l-ispecifications.
"L-attur qed jissottometti wkoll li l-konvenut ma pprovdiex apparat protettiv u mezzi ta' sigurtà fil-kaz li xi hadd jaqa'. Ma kien hemm ebda ripar (ez. guard rail) u lanqas ma kellhom xi forma ta' rbit biex ma jaqghux ghall-isfel. F'dan ir-rigward jirrizulta li l-unika protezzjoni li hadu l-haddiema kien li jkollhom boots billi dak in-nhar kienu ser jaghtu l-konkos. Mill bqija ma hadu ebda protezzjoni ohra.
"Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut ma pprovvdiex 'a safe system of work' fuq il-post tax-xoghol.
"Finalment l-attur qed jikkontendi li hu ma jahti bl'ebda mod ghal dak li gara billi ma wera ebda traskuragni u ma kiser ebda regolament.
"Illi kif digà rrilevat l-Qorti l-attur kien responsabbili fuq il-lant tax-xoghol u kien wiehed mill-haddiema li armaw x-shutter li ceda taht il-piz tal-konkos. Inoltre kif osservaw il-konvenut u l-bennej l-iehor Agius, l-attur ma messux

qaghad fil gallerija meta kien qed jinfirex il-konkos. Kieku ha dika l-prekawzjoni forsi ma kienx jigrilu dak li gralu.
“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attur kien responsabbli ghall akkadut ukoll.
“In konkluzjoni, dwar responsabilità, il-Qorti tiddeciedi li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut kienu responsabbili ghall-incident b’mod indaqs.
“**LIKWIDAZZJONI DANNI**
“L-espert mediku Dr. F. Zammit Maemple kien ikkonkluda (fol. 127) li l-attur safa b’dizabilità permanenti ckejkna f’dahru rizultat tal-incident imsemmi u stmah 4%.
“Gew nominati periti perizjuri u dawn ikkonkludew (a fol. 140) li d-dizabilità kienet ta’ 10%. Huma kkummentaw li **minhabba x-xoghol tieghu fil-bini l-attur digà kellu sinjali radjologici ta’ hsara fis-sinsla qabel l-incident in kwistjoni**, li kif jammetti ma tellifx l-impjieg tieghu. Bil-waqgha mill-gholi din il-hsara bdiet tinhass sewwa u l-manifestazzjoni klinika ta’ ghafsa fuq il-‘cauda equina’ minn xi ‘slipped disc’ jew tnejn minnhom tas-sinsla lumbari. Kieku accetta l-attur, dan kien jigi verifikat iktar fic-car minn stharrig iktar fil-fond meta gie rrakkomandat li jikkonsidra operazzjoni biex l-ghafsa fuq in-nervituri tigi mnehhija. Izda kkunsidraw il-waqa’ mill-gholi li sofra, l-effetti fuq darhu u kif dawn tellfulu x-xoghol ghall-bqija ta’ hajtu u d-difetti fizici li dehru fl-ezami kliniku u ghalhekk ihossu li sofra mankament mill-griehi deskritti.
“L-attur xehed li hu kien impjegat bhala bennej mal-konvenuti u kellu paga ta’ Lm60 fil-gimgha. Inoltre qabel l-incident kien jahdem part-time bhala bennej u jaghmel xoghol li jigi ghal idejh. Kien anke jahdem is-Sibt u l-Hadd. Kien idahhal bejn Lm120 u Lm130 fil-gimgha mix-xoghol li kien jaghmel wara l-hin. Bhal issa ma jahdimx, jimxi b’diffikultà kbira u dejjem migugh. Meta kien marid u ma kienx jidhol ghax-xoghol u kien jircievi paga shiha minghand Penza u l-kontribuzzjoni tas-servizzi socjali ta’ Lm27. Meta mbaghad rega’ dahal lura ghax-xoghol tas-social security qatghulu dak li kien ha zejjed. Penza lilu tah Lm1,165 meta ma kienx jahdem. Hu jgib in-nies jahdmulu l-ghalqa ta’ huh ghax ma jiflahx jahdimha. Huh ilu mejjet 5 snin.
“L-attur ipprezenta prospett (ara fol. 171) minn fejn jirrizulta li Penza kien hallas lill-attur Lm2,977.10 paga

ghal perijodu meta hu kien marid. Hu rcieva bhala social benefit Lm1,293.20. Hu kien ircieva Lm1,165.10 bhala ‘ex gratia’ payment minghand il-konvenuti.

“**KALKOLU**

“Dwar damnum emergens l-attur ma ressaq ebda talbiet. Jirrizulta li l-attur thallas il-paga shiha anke meta ma kienx qed jidhol ghax-xoghol ghax kien marid. L-attur ircieva Lm2,977.10 paga shiha u Lm1,165 ex gratia payment.

“**Dwar lucrum cessans.**

“Dwar part time l-attur semma li kien jaqla Lm120/Lm130 fil-gimgha izda fuq dina t-talba ma ngabu ebda provi konvincenti.

“Dwar telf ta’ xoghol il-Qorti se tikkalkola kif gej:

Working Life Expectancy 20 sena

Salarju ta’ Lm70 fil-gimgha ghal 72 gimgha ghall-20 sena Lm72,800

10% Disability Lm 7,280

15% ghal Lump Sum Payment; decizjoni wara 9 snin (Accident fil-1990) Lm 6,188

Nofs Tort Lm3,094

2% ghall-Pre-existing Disablement kif ccertifikaw l-esperti medici Lm3,032.”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti talab hekk:

“… li s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi deciza fid-29 ta’ Jannar 1999 tigi kkonfermata fejn sabet li s-società konvenuta kienet responsabbli tal incident u tigi revokata fejn sabet li l-attur ukoll kien responsabbli ghal incident u ghalhekk jigi ddikjarat li s-società konvenuta kienet unikament responsabbli ghal incident u tigi modifikata fil-kalkolu tad-danni billi dawn id-danni jizdiedu u s-società konvenuta tigi kkundannata thallas l-istess danni lill-attur, bl-imghax legali u bl-ispejjes kontra s-società konvenuta.”

Rat ir-risposta ta’ l-appell u l-appell incidentali tal-konvenut nomine illi permezz taghhom, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi dina l-Qorti:

“… tichad l-appell principali, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-appellant, u tilqa dan l-appell incidentali u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-attur responsabbli fil-meritu ghall-incident in ezami, u tirriformaha in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lis-socjetà konvenuta responsabbli ghall-istess incident, u minflok, … joghgobha tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.”

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta’ l-attur kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. Illi huwa ma kellux jinsab responsabbli ghall-incident in kwistjoni flimkien mal-konvenut nomine izda kellu jinstab responsabbli l-konvenut biss;
2. Illi l-ammont ta’ kumpens likwidat huwa baxx wisq;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut nomine kontra s-sentenza appellata huma:

1. Illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta “… rriteniet, kontra l-fatti, illi s-socjetà konvenuta kienet ukoll responsabbli ghall-incident de quo”;
2. Illi l-kumpens dovut lill-attur kellu jkun anqas minn dak stabillit fis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Peress illi l-ewwel aggravju fl-appell principali u l-ewwel aggravju fl-appell incidentali jirrigwardaw il-kwistjoni tar-

responsabbiltà ghall-incident *de quo*, dawn l-aggravji sejrin jigu trattati flimkien;

Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti sabet illi l-attur huwa ko-responsabbli ghall-incident in kwistjoni ghal zewg (2) ragunijiet: (i) ghaliex, fi kliem l-istess sentenza, "… l-attur kien responsabbli fuq il-lant tax-xoghol u kien wiehed mill-haddiema li armaw s-shutter li ceda taht il-piz tal-konkos"; u (ii) ghaliex, ukoll fi kliem is-sentenza, "… l-attur ma messux qaghad fil gallerija meta kien qed jinfirex il-konkos. Kieku ha dika l-prekawzjoni forsi ma kienx jigrilu dak li gralu" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, dina l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi, indipendentement minn jekk jirrizultax illi l-attur kien "responsabbli fuq il-lant tax-xoghol" ghal dik illi hija kostruzzjoni in generali - u dwar dan ghandha rizervi serji - u, ghalkemm huwa veru illi l-attur ha sehem, flimkien max-xhieda Philip Formosa u Martin Farrugia, fl-armar tas-*shuttering*, ma jistax jinghad illi b'daqshekk huwa kien responsabbli ghall-kollass ta' dan ix-*shuttering*. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex mit-tlett (3) haddiema involuti fil-preparazzjoni ta' dan ix-*shuttering* jekk kien hemm xi hadd illi seta' jerfa' r-responsabbiltà ghall-kwalità tax-xoghol relativ, kien Martin Farrugia, illi xehed illi fi zmien l-incident in kwistjoni kien impjegat mas-socjetà konvenuta bhala "Carpenter u shutterman" (fol. 50), u certament mhux l-attur, illi l-kontendenti jaqblu illi fiz-zmien relativ kien impjegat bhala bennej. Jirrizulta illi x-xhud Philip Formosa kien impjegat bhala sewwieq ta' vetturi (fol. 57). Fl-ahharnett, tajjeb illi ssir riferenza ghas-segwenti silta mid-depozizzjoni ta' Conrad Magri (fol. 104), impjegat iehor tas-socjetà konvenuta illi, però, ma kienx involut fil-preparazzjoni tax-*shuttering* in kwistjoni:
"Penza [il-konvenut] kellu l-mastrudaxxi tieghu. Ix-shutters il-mastrudaxxi jaghmluhom. Mastrudaxxi kellu lill certu Martin [Farrugia] u certu Frankie. Dawn kienu imexxu x-xoghol tax-shutters." (sottolinear tal-Qorti);

Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-attur ma ghandux jinstab responsabbli ghall-incident in kwistjoni ghaliex meta sehh

l-istess incident huwa ma kienx fuq ic-cint tal-gallarija izda kien f'nofsha. Jirrizulta mhux kontestat illi l-gallarija sfrondat wara illi kien tnizzel fuqha l-kontenut ta' bajla konkos u precizament waqt illi l-attur kien ser jibda jwitti dan il-konkos. Mhux ragjonevoli illi wiehed jippretendi illi waqt illi qed iwitti dan il-konkos l-attur kellu joqghod fuq ic-cint tal-gallarija u mhux f'nofsha. Inoltre, l-attur ma seta' qatt janticipa illi l-gallarija kellha tisfronda bil-piz tieghu u ta' dak tal-kontenut ta' bajla wahda konkos meta jinsab pruvat illi l-istess gallarija tiehu ghallanqas zewg (2) bajliet konkos (fol. 123) u illi waqt l-operazzjoni relativa, oltre l-attur, kellu jkun qed jahdem ukoll ix-xhud Lizio Cesare u illi, ghalhekk, huwa prezunt illi l-gallarija kellha tiflah ukoll il-piz ta' dan ta' l-ahhar;

Ikkunsidrat:

Illi in sostenn ta' l-ewwel aggravju tieghu fl-appell incidentali il-konvenut nomine jissottometti hekk:
"… illi l-<u>unika raguni</u> ghalfejn sehh dan l-incident kienet il-pozizzjoni riskjuza illi ghogbu joqghod fiha l-attur meta, kontra kull regola tal-bini, qaghad fuq il-gallarija fejn kellu jitqieghed il-konkos." (sottolinear tal-Qorti);

Dina l-Qorti già qalet illi fil-fehma taghha l-attur ma jistax jigi ritenut responsabbli ghall-akkadut minhabba l-fatt illi meta kkrollat il-gallarija huwa kien f'nofsha u, konsegwentemement, is-sottomissjoni appena citata tal-konvenut nomine mhix valida. Inoltre, huwa utili illi jinghad illi ma saret ebda prova tar-"regola tal-bini" illi qed jinvoka l-konvenut nomine;

Ikkunsidrat:

Illi hija taqbel mar-ragunijiet migjuba fis-sentenza appellata illi wasslu lill-ewwel Qorti illi tikkonkludi illi l-konvenut nomine ma pprovdiex - kif kien dover tieghu illi jipprovdi bhala *employer* - *a safe system of work*.

Illi, ghalhekk, dina l-Qorti ma taqbilx ma' l-aggravju in ezami tal-konvenut nomine illi l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta kkonkludiet

"… illi s-socjetà konvenuta kienet ukoll responsabbli ghall-incident de quo";

Ikkunsidrat:

Illi, fid-dawl ta' dak illi inghad sa issa, dina l-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut nomine wahdu huwa responsabbli ghall-incident in kwistjoni u illi, konsegwentement, l-ewwel aggravju ta' l-attur huwa fondat filwaqt illi l-ewwel aggravju tal-konvenut nomine huwa infondat;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rikors ta' appell l-attur jaghmel zewg (2) sottomissjonijiet sabiex isostni t-tieni (2) aggravju tieghu, dak illi jikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni, u cioè: (i) illi l-ewwel Qorti ma tatx importanza lill-"fatt li indubjament l-attur ma jistax jahdem izjed minhabba l-incident in kwistjoni"; (ii) illi, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… t-2% maqtugh mill-ewwel Qorti (pre-existing disablement) u l-15% maqtugh minhabba 'lump sum payment' huma iebsin wisq fil-konfront tal-attur";

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel sottomissjoni mhix valida ghaliex, fir-realtà, ma jirrizultax pruvat illi b'rizultat tad-disabilità illi sofra l-attur ma jistax jahdem izjed. Dak illi jirrizulta huwa illi l-attur ma jistax jahdem izjed **bhala bennej.** Fil-fatt l-appellant stess huwa konxju minn dan ghaliex, fil-paragrafu illi jsegwi immedjatament dak illi fih saret is-sottomissjoni in ezami, huwa jikkwalifika s-sottomissjoni tieghu billi jghid: "Illi ma hemmx dubju li l-attur ma jistax jahdem izjed <u>bhala bennej</u>" (sottolinear tal-Qorti). Inoltre, tajjeb illi jigi rilevat illi l-konvenut xehed, u ma gie b'ebda mod kontradett, illi wara l-incident in kwistjoni huwa offra lill-attur illi jimpjegah bhala *watchman* u illi l-attur ma accettax. Minn imkien ma jirrizulta illi d-disabilità fizika illi sofra l-attur b'rizultat ta' l-incident in kwistjoni rrenditu inkapaci illi jaghmel kwalunkwe xoghol, inkluz dak ta' *watchman*;

Ikkunsidrat:

Illi, fid-dawl ta' dak illi xehdu l-esperti medici addizzjonali, meta gew eskussi quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tat-tletin (30) ta' Marzu, 1998, l-ilment ta' l-appellant dwar it-tnaqqis ta' 2% minhabba *pre-existing disability* jidher illi huwa gustifikat. L-esperti medici qalu hekk (fol. 150):
"… Ahna tajna d-dizabilità [ta' 10%] fuq il-griehi li sofra. Jekk il-pazjent ghandu dizabilità iktar minn 10%, dan mhux necessarjament minhabba l-incident."

Fil-fehma tal-Qorti, interpretazzjoni korretta ta' dak illi ghadu kemm gie citat twassal ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti ma messhiex ghamlet - kif fil-fatt ghamlet - tnaqqis ta' 2% fl-ammont likwidat b'mod illi, minflok ma llikwidat a bazi ta' 10% *disability*, kif stabbilit mill-esperti medici addizzjonali, illikwidat a bazi ta' 8% *disability*. Konsegwentement, aktar 'l quddiem f'dan il-gudikat sejjer isir l-aggustament mehtieg fil-likwidazzjoni tad-danni dovuti mill-konvenut nomine lill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur appellant spjega l-ilment tieghu dwar il-fatt illi l-ewwel Qorti ghamlet tnaqqis ta' 15% minhabba *lump sum payment* f'dawn it-termini, u f'dawn it-termini biss:
"Illi dwar l-15% maqtugh ghaliex se jinghata lump sum payment hemm diversi sentenzi fis sens li din mhiex mandatarja u taht dawn ic-cirkostanzi fejn l-attur tilef kull mezz ta' income u n-konnessjoni ma' incident li gara 9 snin ilu."

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, minn dak illi ghadu kemm gie citat ma tirrizulta ebda gustifikazzjoni sabiex hija tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta ghazlet illi taghmel l-imsemmi tnaqqis ta' hmistax fil-mija (15%) minhabba *lump sum payment*;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx lok illi jigi konsidrat it-tieni (2) aggravju tal-konvenut nomine fl-appell incidentali tieghu, dak illi jirrigwarda il-*quantum* tad-danni likwidati, u dana peress illi, kif jirrizulta car mill-ahhar paragrafu tar-risposta ta' appell tal-konvenut nomine, huwa ma talabx illi s-sentenza appellata tigi riformata fil-parti taghha illi titkellem dwar likwidazzjoni u hlas ta' danni;

Ikkunsidrat:

Illi, la darba dina l-Qorti kkonkludiet illi l-konvenut nomine huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u illi ma kellux isir tnaqqis ta' tnejn fil-mija (2%) mill-ammont ta' danni likwidati minhabba *pre-existing disability*, id-danni effettivament dovuti lill-attur mill-konvenut nomine qed jigu likwidati fis-somma ta' sitt elef, mija u tmienja u tmenin lira (Lm6188), jigifieri dik is-somma imsemmija fis-sentenza appellata qabel ma l-ewwel Qorti ghamlet tnaqqis minhabba illi qieset lill-attur responsabbli bin-nofs ghall-incident in kwistjoni u minhabba *pre-existing disability*;

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell incidentali tal-konvenut nomine bl-ispejjes relativi kontra tieghu;

Tiddisponi mill-appell principali billi tilqa' l-ewwel (1) aggravju ta' l-attur, billi tilqa' t-tieni (2) aggravju ta' l-attur fil-limiti hawn fuq imsemmija u billi, konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tipprovdi fis-sens infraskritt:

1. tiddikjara illi l-konvenut nomine huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u b'hekk tilqa' l-ewwel (1) talba attrici kif dedotta fl-att ta' citazzjoni;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' l-imsemmi incident fl-ammont ta' sitt elef, mija u tmienja u tmenin lira maltija (Lm6,188) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' LM6188 hekk likwidat, flimkien ma' l-imghax dekorribbli mid-data tas-sentenza appellata;

3. tordna illi l-ispejjes ta’ l-ewwel istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut nomine;

Tordna illi l-ispejjes konnessi ma’ l-appell principali ta’ l-attur jigu sopportati kwantu ottava parti (1/8) mill-istess attur appellant u kwantu ghal seba’ partijiet minn tmienja (7/8) mill-konvenut nomine appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------